Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 136 / 2014**

Il-Pulizija

(Spettur Dennis Theuma)

vs

**Elton Brincat**

Illum, 23 ta' Lulju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Elton Brincat, iben Paul, imwieled Attard, fit-23 ta' Settembru, 1978, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 491878(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli f' dawn il-Gzejjer nhar is-7 ta' Mejju 2001, u l-erba' xhur ta' qabel gewwa z-Zurrieq, u fi bnadi ohra f' Malta f' hinijiet differenti:

a) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta` Malta, liema droga instabet f`tali cirkostanzi loi juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

b) ukoll talli biegh jew xort`ohra ittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

c) ukoll talli assocja ruhu ma` xi persuna jew persuni ohra f`dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex jbiegh jew jittraffika medicina f`dawn il-Gzejjer,

kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicina perikoluzi, Kap. 101, tal-Ligijiet ta` Malta, jew ippromova jew ikkostitwa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni u dan bi ksur tal-artikoli 22 (1) (f), 22 (1A), 22 (1B) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta` Malta;

d) U wkoll talli ikkometta dawn ir-reati f`post, fi jew gewwa centru, u jew f`distanza ta` mitt (100) metru mill-parametru ta` post fejn jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur tal-ordinanza dwar il-Professjoni Medika u professjonijiet li ghandhom x`jaqsmu maghhom,

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Marzu, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 2, 8(a)(b), 9, 10(1), 12, u 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(b)(i)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 (a), 6 u 9 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi [N.G. 292 tal-1939] u fl-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 51 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-Elton Brincat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghall-piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' tminn xhur flimkien ma multa ta' hamest elef Euro (E5000).

Inoltre, il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga ezibita f' dawn l-atti u ta' dak kollu relatat maghha u ghal dan il-ghan hatret lill-Ispizjar Godwin Mifsud sakemm l-Ufficjal Prosekutur ma jiddikjarax, permezz ta' nota li ghandha tigi maghmula mhux aktar tard minn hmistax il-jum millum li l-istess droga hija mehtiega ghal proceduri ohrajn pendenti jew li ser jinfethu kontra terzi persuni.

Rat ir-rikors tal-appellant Elton Brincat minnu pprezentat fit-3 ta' April, 2014 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti in kwantu ghas-sejbien ta' htija; u tvarja l-piena inflitta billi tinfliggi piena aktar miti, gusta u ekwa ghall-kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe' :-

Illi l-aggravju tal-esponenti jikkonsisti fil-piena fuqu inflitta, li fl-umli opinjoni tal-appellant hija gravuza wisq, u dana ghar-ragunijiet segwenti.

**1. L-imgieba tal-appellant**

Hekk kif jixhdu b' mod car l-atti tal-kaz odjern, l-appellant mall-ewwel iddispjacieh ta' li kien ghamel, tant li wera dan id-dispjacir billi ghen lill-Pulizija sa mill-bidu nett, u kien sahansitra xhud determinanti fi proceduri kontra terza persuna.

Analizi wkoll tal-fedina penali tal-appellant, li sfortunatament hekk kif innutat l-Ewwel Onorabbli Qorti, turi li l-esponenti sab diffikultajiet kbar sabiex jeghleb il-vizzju ikrah tad-droga, turi wkoll li l-esponenti ma huwiex hlief vittma tas-sustanza odjuza.

Tant huwa minnu dan, li c-cirkostanzi li bihom l-esponenti sar hati ta' traffikar tad-droga juru li dan sehh minhabba l-età relattivament zghira tal-appellant u n-*naivetè* li dina ggib maghha, ghaliex l-esponenti kien biss mohhu sabiex jissodisfa l-vizzju tieghu u kien ghalhekk li tella' l-famuza borza sewda gewwa r-residenza ta' Camilleri!

Minkejja li dan il-vizzju kiefer wasal sabiex rikeb lill-esponenti, huwa ghamel hiltu sabiex jeghlbu, u attenda programm residenzjali ghar-rijabilitazzjoni mid-droga fuq rakkomandazzjoni tat-tabib Dr Moses Camilleri mic-centru tad-detox sabiex jirnexxielu[1]. Illum-il gurnata huwa heles minn dan il-vizzju, ghandu xoghol stabbli fejn hu apprezzat ferm mill-imghallem tieghu, u ghandu wkoll relazzjoni stabbli.

Inoltre, anke jekk fi stadju tardiv fil-proceduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponenti ammetta l-izbalji tieghu u wera ruhu lest li jerfa' r-responsabbilitajiet tieghu skond il-Ligi. Madanakollu, dan ma jfissirx necessarjament li huwa haqqu l-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

[1] *Vide* fol. 341 tal-process.

## 2. Il-*window of opportunity* tieghu

Il-konsiderazzjonijiet maghmulin supra jwasslu ghall-fattur importanti li huwa l-futur tal-esponenti.

Hekk kif imtenni mill-Prim Imhallef *emeritus* Vincent De Gaetano fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Rittmar Hatherly u Justin Farrugia"[2]:**

"**…**Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna *a window of opportunity* li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu ***Principles of Sentencing*** (Heinemann, London, 1979)[3]:

*" The term ' inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited...As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote"."*

F' dina l-kawza l-Onorabbli Qorti tal-Appell kienet ikkonfermat sentenza ta' *probation* fil-konfront ta' persuna li dwarha kien hemm *feedback* tajjeb minghand il-*probation officer,* u dana sabiex dina l-persuna tkun tista' tkompli fit-triq it-tajba sabiex terga' tpoggi hajjitha fir-retta via. Dan il-principju tal-*window of opportunity* huwa ormai pacifiku, hekk kif jixhdu kawzi ohra fosthom:

- **"Il-Pulizija vs. Terry Graham",** Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef A. Mizzi, 25/03/2014 – fejn l-appellant kien sab il-*window of opportunity tieghu* fix-xoghol, proprju bhall-esponenti[4];

---

[2] **"Il-Pulizija vs. Rittmar Hatherly u Justin Farrugia",** Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), S.T.O. Prim Imhallef V. De Gaetano, 09/10/2008.

[3] p. 22, 23.

[4] *Vide* p. 9 tas-sentenza.

- **"Il-Pulizija vs. Anton Vassallo",** Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef D. Scicluna, 26/03/2014;
- **"Il-Pulizija vs. Glenn Neil Scicluna, Omissis, u Roderick Stabile",** Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef M. Mallia, 27/03/2014.

Huwa notevoli li l-Prim Imhallef *emeritus* De Gaetano, fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. George Farrugia",** tenna illi anke bniedem ta' erbghin sena b' fedina penali twila 42 pagna ma huwiex f' sitwazzjoni irreversibbli u ghandu jinghata opportunità jbiddel hajtu[5], *multo magis* l-esponenti li ghadu izghar u kellu l-età ta' 22 sena biss meta kkommetta r-reati mertu tal-appell odjern.

Bhal ma gie su espost, illum-il gurnata l-esponenti huwa impjegat serju u diligenti li ghandu reputazzjoni u relazzjoni tajba hafna mal-*employer* tieghu, u jinsab ukoll f' relazzjoni stabbli. Huwa evidenti li l-appellant qieghed fit-triq it-tajba, u ghandu jigi inkoraggjat.

**3. <u>Id-Dewmien tal-kawza</u>**

Din il-kawza ilha ghaddejja sa mill-2001, dewmien spropozitat li ghalih ma jahti xejn l-esponenti.

Huwa minnu li parti minn dan id-dewmien huwa dovut ghal *force majeure* minhabba li kien inharaq il-process flimkien mal-awla tal-Onorabbli Qorti li kienet qieghda tippresjedi l-kaz odjern, izda huwa tant iehor minnu li l-appellant dam dawn is-snin kollha tiela' u niezel il-Qorti b' imputazzjonijiet serji migjuba fil-konfront tieghu, bl-apprensjoni kollha li dan igib mieghu.

Fil-kawzi fl-ismijiet **"Vocaturo vs. Italy"**[6] u **"G.H. vs. Austria"**[7], il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, fil-waqt li kkwotat lill-awturi eminenti Harris, O' Boyle u Warbrick, tenniet illi sabiex wiehed ikejjel jekk proceduri hadux

---

[5] **"Il-Pulizija vs. George Farrugia",** Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef V. De Gaetano, 18/01/2001, p. 3.
[6] **"Vocaturo vs. Italy",** ECtHR, 24/05/1991 (App. Nru. 11891/85).
[7] **"G.H. vs. Austria",** ECtHR, 03/10/2000 (App. Nru. 31266/96).

zmien twil b' mod esagerat, wiehed ghandu jiehu kont tal-komplessità tal-kaz, l-imgieba tal-Qorti, u l-imgieba ta' min jilmenta fuq id-dewmien[8].

Fil-kaz odjern jidher car illi l-kaz ma kienx wiehed ta' xi komplessità, u l-imgieba tal-appellant kienet dejjem ezemplari fir-rigward tal-proceduri fil-konfront tieghu. L-istess jista' jinghad ghall-Ewwel Onorabbli Qorti, li hadmet b' diligenza u serjetà tenut kont tad-diffikultajiet prattici li gew riskontrati, fosthom il-bidla tal-gudikant. Madanakollu, il-prosekuzzjoni kaxkret saqajha mhux hazin, bir-rizultat li l-proceduri fil-konfront tal-appellant spiccaw biex hadu kwazi tlettax-il sena.

Kif gie osservat digà fl-1870 mir-*Recorder* ta' Birmingham, Matthew Davenport Hill:

*"In our attempts to award pain according to desert, we are fated to err either on the side of mercy or of severity. Hence, it has been a favourite habit with editors of newspapers to compare two discrepant sentences with a chuckle of triumph over the folly of one or other of the judges on whose proceedings they are animadverting, without a thought that the judges have neither weight nor scales."*[9]

Umilment l-appellant jishaq illi fil-kaz odjern, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, l-Onorabbli Qorti ghandha xxaqleb *"on the side of mercy"*, anke tenut kont tad-dewmien tal-kawza.

**4. <u>L-Artikolu 29</u>**

Hekk kif su espost, l-esponenti mall-ewwel offra l-assistenza lill-Pulizija, u kien xhud determinanti fi proceduri kontra terza persuna, u ghaldaqstant jistoqqlu jibbenefika mir-riduzzjoni tal-piena ai termini tal-artikolu 29 tal-Kap. 101.

---

[8] "Sydney Ellul Sullivan vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali", Qorti Kostituzzjonali, 28/01/2013 (App. Civ. Nru. 26/2004/1).

[9] E. C. Wines (ed.) ***Transactions of the National Congress on Penitentiary and Reformatory Discipline*** (1871) Weed, Parsons, p. 107.

L-Ufficjal Prosekutur, waqt is-seduta tas-27 ta' Jannar 2014, stqarr dan kollu u sahansitra tenna li l-esponenti seta' jibbenefika minn riduzzjoni ta' zewg gradi[10].

Madanakollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tapplika l-istess artikolu, hekk kif jixhed il-fatt illi ma huwiex kwotat bhala wiehed mill-artikoli li rat l-istess Onorabbli Qorti sabiex tikkalibra l-piena[11]. Hu ormai pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li meta artikolu ma jigix kwotat mill-Qorti gudikanti, dan ifisser li ma jkunx gie tenut kont tieghu fid-decizjoni rigward il-piena.

Ghaldaqstant l-appellant umilment jissottometti illi l-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghandha tigi mnaqqsa anke ghal din ir-raguni.

**5. Il-*Quantum* tal-multa**

L-esponenti gie kkundannat ihallas hamest elef ewro (€5000) multa, oltre ghall-piena karcerarja.

Bir-rispett, dan l-ammont jidher eccessiv anke b' analizi *prima facie.*

L-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 jesigi li tigi imposta multa ta' mhux anqas minn €465.87 u mhux aktar minn €11,646.87, u dan oltre ghal piena karcerarja ta' mhux anqas minn 6 xhur u mhux aktar minn 10 snin.

L-appellant gie kkundannat ghal piena karcerarja ta' tmien xhur, u ghar-ragunijiet su esposti, anke dan il-perjodu huwa gravuz wisq. F' dan id-dawl il-*quantum* tal-multa jidher ferm sproporzjonat, ghaliex fil-waqt illi l-piena karcerarja inflitta fuq l-esponenti hija vicin il-minimu statutorju, il-multa hija qrib in-nofs tal-massimu li jista' jigi impost.

Dan l-ammont huwa eccessivament oneruz fuq l-esponenti, ghall-istess ragunijiet su esposti li ghalihom hija eccessiva l-piena karcerarja.

[10] *Vide* fol. 363 tal-process.
[11] *Vide* pagna 4 tas-sentenza.

Illi fil-waqt li huwa mifhum illi appell in segwitu ghal ammissjoni huwa wiehed odjuz, l-esponenti umilment jikkontendi li l-piena nflitta mill-Onorabbli Ewwel Qorti setghet, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tkun aktar miti u ghalhekk l-esponenti qieghed jitlob temperament fil-quantum tal-piena mposta fuqu. L-ammont tal-piena jrid necessarjament ikun evalwat mill-ottika tal-hati li jkun ser jiskonta l-piena moghtija.

Il-Blackstone fuq dan il-punt jghid:

*"' The failure of the court of sentence to distinguish between offenders when one has powerful mitigation and the other does not can give rise to a successful ground of appeal against sentence."*[12]

Minkejja li Malta ma adottatx is-sistema ta' klassifikazzjoni ta' drogi illeciti bhar-Renju Unit, huwa notevoli l-fatt illi skond is-*sentencing guidelines* tal-istess gurisdizzjoni, l-esponenti, tenut kont tal-forma ta' partecipazzjoni li kellu fit-traffikar, kien ikun jisthoqqlu *community order* jew inkella massimu ta 26 gimgha *custodial sentence*[13], u dana minghajr ma wiehed jiehu in konsiderazzjoni fatturi mitiganti bhar-rimors li wera l-appellant, l-assistenza li ta lill-Pulizija, u l-fatt li rriforma ruhu.

L-esponenti jtenni li l-gurisprudenza nostrana uriet kif piena inflitta ghandha tohloq dak il-bilanc bejn l-interessi tal-vittma, tas-socjetà u, b' mod partikolari, tal-imputat, b' tali mod u manjiera li l-gustizzja trid tkun wahda ristorattiva u mhux biss retributorja[14]. Fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Anton Vassallo",** l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tenniet:

---

[12] Blackstone' s Criminal Practice 2011, D25.46.

[13] Bhala low-level category 3 offender, Vide http://sentencingcouncil.judiciary.gov.uk/docs/Drug_Offences_Definitive_Guideline_final_%28web%29.pdf, p. 13.

[14] *Vide* wkoll f' dan is-sens **"Il-Pulizija vs. Aaron Pavia et",** Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef P. Vella, 26/01/2001;
**"Il-Pulizija vs. Kevin Psaila",** Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Mag. Dr. C. Scerri Herrera, 25/04/2005.

"Il-piena, pero`, għandha diversi skopijiet. Skop wieħed huwa dak li tiġi protetta s-soċjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-każ ta' persuni li b' għemilhom juru li huma ta' minaċċja għas-soċjeta` dawn jinżammu inkarċerati u għalhekk barra miċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-każ ta' reati gravi, is-sentenza tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent ġenerali. Skop ieħor huwa r-riforma tal-ħati."

Wiehed jistaqsi: l-esponenti huwa ta' perikolu ghas-socjetà?

Bla dubbju ta' xejn, ir-risposta hija le.

Mela allura jibqa' biss ir-rwol riformatorju u deterrent tal-piena. Huwa palesi li l-esponenti xoghof mill-esperjenzi tieghu, u ghalhekk l-effetti negattivi ta' dak li wettaq kienu digà deterrent sufficjenti.
Aktar importanti minn hekk, huwa car li llum-il gurnata l-esponenti rriforma ruhu u qieghed jghix hajja ta' *upstanding citizen*.

L-esponenti umilment jikkontendi li fic-cirkostanzi tal-kaz il-piena moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija gravuza wisq. Tmien xhur prigunerija, ghal bniedem li qieghed jibni futur mat-tfajla tieghu u li qieghed jahdem b' mod diligenti, huma eternità, u kull jum li jista' jitnaqqas minn tali piena huwa importantissimu. L-istess jista' jinghad rigward il-*multa* fuqu imposta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-fatti saljenti huma s-segwenti:

1. PC 123 Saviour Galea skont ma jirrizulta mix-xhieda tieghu tas-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) kien frank fis-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001) meta waqt li kien iz-Zurrieq telghet karozza b'zewg persuni li huwa kien jafhom peress li dak iz-zmien kien stazzjonat id-Drug Squad. Wiehed minnhom li huwa identifika bhala l-appellant, hareg minn gol-karozza u minn gol-mudguard ta' wara hareg borza sewda, ghalhekk PC 123 Saviour Galea cempel lill-Ispettur Josric Mifsud;

2. Skont ix-xhieda ta' PS 138 Stephen Monreal moghtija fis-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) spjega li marru immedjatament u habtu fl-indirizz ta' Joseph Camilleri u kellhom jifqghu l-bieb biex dahlu;

2. L-Ispettur Josric Mifsud fix-xhieda tieghu tal-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) spjega li saret tfittixija f'din ir-residenza fejn sabu kwantita' konsiderevoli ta' sustanza suspettata Cannabis kif ukoll pilloli ecstacy u kokaina;

4. L-appellant kien irrilaxxa stqarrija u kien igguramentaha quddiem il-Magistrtat tal-Ghassa fejn fost affarijiet ohra qal li rrizulta li l-pakkett li hu gabar minn taht il-vettura kien jikkontjeni cannabis[15];

5. Minkejja li l-kaz jirrisali ghas-sena elfejn u wiehed (2001), kien fis-sedua tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) li l-akkuzat irregistra ammissjoni quddiem il-Qorti;

---

[15] Skont l-istqarrija rilaxxata fit-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001) u li tinsab a fol 59, l-akkuzat fost affarijiet ohra spjega li '*Gbart ic- cavetta, u il- mara tieghu qaltli li l- borza is-sewda, li kienet taht l-karozza kelli intallahielu. Nghid li jien bil- borza s sewda kont naf bieha pero' nghid li ma kontx naf fejn qieghda qabel ma wasalt id- dar tieghu u qaltli il- mara tieghu fejn kienet ezatt. Jien bdejt nitawal ghal taht il-karozza u minn wara ma rajt xejn. Nghid li mbaghad mort in - naha ta' gewwa cioe' tal-passigier, u hemm taht stajt nilmah borza mkeba tal-plastic ta kulur iswed. Nghid li kif hassejta b' idejha din il-borza kienet ibsa, u mid-daqs kienet qisa' xi videos. Jien gbidtha u bqajt tilla fuq id- dar ta' Jesmond. Nghid li jien sibt il-bieb mbexxaq. Jien qbadt u dhalt, u fil- kamara tas-sallot kien hemm Jesmond, u Bert. Kif dhalt jien tajtu ic- cavetta tal-karozza tieghu, kif ukoll il- pakett li kont tallajt. Jesmond il-pakett ghal bidu tefu fuq il-mejda, izda wara ftit fethu. Nghid li gol pakett kien hemm xi haga kbira ta kulur kannella. Nghid li jien indunajt li kienet resin tal-kannabis, pero' nghid ukoll li f' daqshekk kwantita ta resin jien qatt ma kont ghadni rajt f' hajti...*' Meta mistoqsi '*Inti giek suspett li din il-borza li kont sejjer twassal ghal Jesmond kien fiha id- droga?*' wiegeb '*Nghid li iva, hekk is-suspettajt li droga' ma kontx naf x'fiha, ghax hekk hassejtni dak il-hin.*' Mistoqsi wkoll '*Inti kont taf x' kien fiha il- borza li kien hemm taht il- karozza?*' wiegeb '*Nghid li le, nghid li Jesmond tradini, ghax jien wara li dhalt fil- flat ta Jesmond taz-Zurrieq sirt naf li kienet Resin tal- Kannabis li kont qieghed ngorr.*'

6. Illi kien ghalhekk li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Illi l-appell tal-appellant jirrikwarda l-piena fuqu inflitta li fil-fehma tieghu hija gravuza wisq. Jirrizulta li fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) l-akkuzat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni certament li ma jistax jinghad li kienet wahda bikrija. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Spiru Muscat'**[16]:

'*Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.*'

L-appellant jissottometti dwar l-imgieba tieghu u cioe' jissottometti li mal-ewwel iddispjacieh ta' li kien ghamel, tant li ghen lil pulizija mill-bidu nett u kien xhud determinanti fi proceduri kontra terza persuna. Jissottometti li huwa ma huwiex hlief vittma tas-sustanza odjuza tant li jwahhal fl-eta' zghira tieghu fejn sabiex jissodisfa l-vizzju tieghu, kien tella l-borza sewda gewwa r-residenza ta' Camilleri. Jissottometti li attenda programm residenzjali ghar-rijabilitazzjoni mid-droga fuq rakkomandazzjoni tat-tabib Dr Moses Camilleri mic-centru tad-detox. Jghid li huwa hieles mill-vizzju, ghandu xoghol stabbli u ghandu relazzjoni stabbli.

L-appellant jaghmel sottomissjonijiet dwar il-*window of opportunity* tieghu, u cioe' li qieghed fi-triq it-tajba u ghandu jigi inkoraggjat. Jaghmel sottomissjonijiet dwar id-dewmien tal-kawza tant li kienet ila ghaddejja mis-sena elfejn u wiehed (2001) u li kien dewmien spropozitat li ghalih ma jahtix l-appellant. In oltre, jissottometti li mal-

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Frar, 2012 (Appell Kriminali Numru: 255/2011)

ewwel offra l-assistenza lil Pulizija u li kien xhud determinanti fi proceduri kontra terza persuna u li ghaldaqstant jistoqqlu jibbenifika mir-riduzzjoni tal-piena *ai termini* tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Jissottometti li l-Ufficjal Prosekutur kien tenna li l-appellant ghandu jibbenifika minn riduzzjoni ta' zewg gradi izda li l-Ewwel Qorti naqset milli tapplika l-istess artikolu u dan jixhed il-fatt li ma huwiex kwotat bhala wiehed mill-artikoli li rat l-istess Qorti. Jissottometti li huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza li meta artikolu ma jigix kwotat mill-Qorti, dan ifisser li ma jkunx gie tenut kont tieghu fid-decizjoni rigward il-piena. Jaghmel sotomissjonijiet dwar il-multa inflitta u li tmien xhur ppriginerija ghal bniedem li qieghed jibni futur mat-tfajla tieghu u li qieghed jahdeb b'mod diligenti, huma eternita' u kull jum li jista' jitnaqqas minn tali piena huwa importantissimu. Fost sottomissjonijiet ohra, jghid li ma huwiex perikolu ghas-socjeta' u li jibqa' biss ir-rwol riformatorju u deterrent tal-piena.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Anton Vassallo'**[17] fejn gie kkunsidrat li:

*'7. Il-piena, pero`, għandha diversi skopijiet. Skop wieħed huwa dak li tiġi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-każ ta' persuni li b'għemilhom juru li huma ta' minaċċja għas-socjeta` dawn jinżammu inkarċerati u għalhekk barra miċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-każ ta' reati gravi, is-sentenza tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent ġenerali. Skop ieħor huwa r-riforma tal-ħati. '*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. George Farrugia'**[18] gie kkunsidrat li:

*'Wara li din il-Qorti semghet, fl-udjenza tas-16 ta' Jannar, 2001, lill-Ufficjal tal- Probation Mary Grace Vella, hija tal-fehma li hemm xaqq ta' dawl fis-sens ta' possibilita` li l-appellat ibiddel hajtu. Din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, hi preparata li tiehu r-riskju li tqieghed lill-appellat taht is-supervizjoni ta' ufficjal tal- probation; l-appellat, s'intendi, qed jigi mwissi li jekk huwa jikser il- kundizzjonijiet tal-Ordni jew jikkometti reat, ikun xi jkun, fil-periodu tal-probation, m'ghandux jippretendi li jsib hajt ta' kenn quddiem il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. L-unika haga li din il-Qorti ser izzid mas-sentenza ta' l- ewwel qorti huwa li tordna lill-Ufficjal tal-Probation li tidher darba kull tlett xhur, flimkien ma' l-appellat,*

[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Marzu, 2014 (Appell Kriminali Numru: 484/2012)
[18] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Jannar, 2001 (Appell Numru: 245/00)

*quddiem din il-Qorti biex din il-Qorti jkollha dejjem rapport aggornat ta' x'inhu jigri.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Terry Graham'**[19] gie kkunsidrat:

*'Illi l-fedina penali tal-appellant tindika li l-ahhar darba li hu gie misjub hati f'dawn il- Qrati kien fl-10 ta' Ottubru, 2005 fuq incident, dwar il-pussess ta' droga, li jmur lura ghall-20 ta' April, 2000. Ovjament, hemm dan l-appell li jirrigwarda incident li gara fl-1 ta' Marzu, 2008. Ghalhekk, fuq medda ta' tmien snin dan hu t-tieni kaz li ghandu l-appellant. Illum, l-appellant qed jahdem bi profitt u mix-xhieda ta' l-imghallem tieghu johrog messagg pozittiv li dina l-Qorti ma tistax ma tiehdux in konsiderazzjoni. Jekk verament irridu r-riforma ta' bniedem li hu mahkuma mill-vizzju tad-droga t-triq li tghaddi mill-habs ma tizra ebda riforma fih. Irridu nkunu ta' idejat wiesghin u nghinu, f'dan il-kaz lill-appellant, biex dawn in-nies jistghu jiehdu posthom fis- socjeta' u ma jigux konsiderati bhala theddida lis-socjeta'. Dan li qed jinghad diga' ntqal minn din il-Qorti diversament presjeduta meta ndikat 'a window of opportunity'. L-appellant sabha fix-xoghol. Din il-Qorti tittama li l-fiducja li qed taghti lill- appellant jissarraf pozittivament.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Ritmar Hatherly, u Justin Farrugia'**[20] gie kkunsidrat li:

*'Issa, fil-kaz in dizamina, din il-Qorti kellha l-beneficcju li tisma' kemm l-Ufficjal tal-Probation assenjata biex issegwi lil appellat Hatherly, kif ukoll dik assenjata biex issegwi lil Farrugia. Chantalle Avellino fissret lil din il-Qorti li Hatherly, li ghandu problema ta' tossikodipendenza, bhalissa ga qieghed isegwi programm ta' riabilitazzjoni gewwa San Blas. Mistoqsija kif inhu sejjer f'dan il- programm, hija wiegbet hekk:*

***"Tajjeb hafna. Il-feedback huwa positive hafna, mort narah hemmhekk ukoll, tkellimt ma' l-istaff, sejjer tajjeb hafna. Jahdem fuq l-issues tieghu, jahdem tajjeb man-nies, ma' l-istaff imur tajjeb hafna, qed jahdem fuq il-problema kif ukoll ejja nghidu hekk il- programm individwali tieghu."***

*Mhux l-istess, sfortunatament, jista' jinghad dwar Justin Farrugia. L-Ufficjal tal-Probation Joanna Farrugia spjegat li dan assolutament ma jridx izomm l-appuntamenti li hija taghmillu, inkluzi l-appuntamenti ma' ufficjali tal-Caritas. Fil-fatt din il-Qorti hi tal-fehma li*

---

[19] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Marzu, 2014 (Appell Kriminali Numru: 398/2013))
[20] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Ottubru, 2008 (Appell Kriminali Numru: 178/2008)

*l-ewwel qorti ma ezaminatx sew il-pre-sentencing inquiry report dwar dan Justin Farrugia li kien gie ppresentat lilha dakinhar stess li nghata is-sentenza. In fatti fl-ahhar paragrafu ta' dan ir- rapport jinghad hekk:*

***"Justin Farrugia ghandu wkoll problema ta' droga. Din il-problema bdiet b'abbuz tal-kannabis madwar sena ilu u mbaghad beda jabbuza mid-droga erojina madwar erba' xhur ilu. L-Ufficjal tal-Probation irriferiet lil Justin ghas-servizzi tal-Caritas fit-22 ta' April 2008 u qieghed jigi segwit minn Rueben Degabriele, biss Justin ma wriex interess f'dawn is-servizzi u baqa' jsostni li huwa m'ghandux problema tad-droga u li m'ghandux bzonn programm."***

*Fil-fehma ta' din il-Qorti, din l-informazzjoni kellha tkun indikattiva bizzejjed li fil-kaz ta' l-appellat Justin Farrugia ma hemmx lok ta' non-custodial measure. Ghalhekk l- appell ta' l-Avukat Generali ser jigi milqugh biss fir-rigward ta' dan l-appellat.'*

L-appellant fl-appell tieghu ghamel referenza ghal folio 341 u cioe'  rikors li mieghu kien hemm anness a fol 341 certifikat rilaxxat minn Dr Moses Camilleri li jiccertifika li l-appellant kien sejjer jiddahal f'centru ta' reabilitazzjoni residenzjali. L-appellant fl-appell tieghu jissottometti li huwa hieles mill-vizzju, li ghandu xoghol stabbli li huwa ferm apprezzat mill-imghallem tieghu u li ghandu relazzjoni stabbli.  Dan ic-certifikat li jinsab a fol 342 u li jiccertifika li l-appellant kien ser jiddahhal f'centru ta' reabilitazzjoni residenzjali huwa datat il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012).

Fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-appellant kien talab lil Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta li jsir pre-sentencing report. Dik il-Qorti kienet laqghet t-talba. A fol 438 u cioe' fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) l-Ufficjal tal-Probation Maria Mifsud  infurmat lil Qorti li ghalkemm l-appellant inghata erba' (4) appuntament, huwa ma attenda l-ebda appuntament ghalhekk informat lil Qorti minhabba dan in-nuqqas ta' kooperazzjoni u nuqqas ta' interess min-naha tal-appellant, ma setghetx thejji r-rapport.  Fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) kienet xehdet l-Ufficjal tal-Probation Maria Mifsud stazzjonata Probation Services fejn prezentat il-*pre-sentencing report*.  Hija fost affarijiet ohra xehdet li  meta l-appellant kien qieghed jiskonta sentenza karcerarja wera nuqqas ta' motivazzjoni sabiex

jindirizza din il-problema. Kien baqa' jabbuza minn gewwa din l-istituzzjoni u li wara l-mewt ta' missieru, biddel l-attitudni tieghu u wara li spicca jiskonta s-sentenza dahal gewwa programm residenzjali. Xehdet li huwa ma tterminax dan il-programm minhabba li spicca sospiz. Tghid li kiser regola kardinali. Spjegat ukoll li *'L-appellant l-ahhar li kellu mieghi, huwa sostna li l-ahhar li kellu relapse kien il-Milied tat-two thousand and fifteen (2015), fejn huwa kien irrikorra ghad-droga kokaina. Ghal daqstant huwa nghata tlett (3) appuntamenti f' Gunju, fejn kien infurmat li kien mistenni li jhalli kampjuni tal-urina. Is-soltu minn naha taghna ahna ma' ninfurmawhomx minn qabel. Imma fil-kaz tieghu peress li huwa kien qed issostni li kien hemm problema, minhabba l-impjieg, tajtu tlett (3) appuntamenti u ghidtlu: "Dak inhar inti trid thalli testijiet tal-pipi'." F'appuntament minnhom, huwa kien instab posittiv ghas-sustanzi tal-Cannabis u tal-Kokaina u ghaz-zewg (2) appuntamenti l-ohra huwa m'attendiex.'*

Fil-pre-sentencing report, u senjatament a fol 454 tnizzel:

*'L-ikkonċernat jgħid li meta ħareġ mill-ħabs huwa baqa' jabbuża imma wara 6 xhur barra kien irrealizza li jrid jagħmel xi ħaġa b'ħajtu. Huwa qal li l-ewwel daħal il-programm fil-Komunita' ta' Santa Marija wara biss ġimgħa telaq u daħal fil-programm ta' San Blas offrut mill-aġenzija Caritas. L-appellant irrimarka li ibbenefika ħafna mill-programm, imma wara 7 xhur ġie sospiż minħabba li kellu argument ma' persuna. Huwa ma reġax daħal il-programm minħabba li kien sab impjieg, kif ukoll kien hemm persuna li kien għadda feedback lil tal-programm li kien rah jixrob ġewwa Paceville u ghaldaqstant minkejja li kien sospiż, kiser regola kardinali li ma jistax jixrob xorb alkoħoliku. Huwa qal li minn dak iż-żmien li ħareġ mill-programm kien hemm diversi relapses żgħar imma dejjem irnexxielu jirrikorri għall-għajnuna. Huwa rrimarka li l-aħħar relapse kien fil-Milied. Huwa jgħid li meta kien hemm relapses kien iħoss li moħħu kien għejja wara ġurnata xogħol u ma kienx isib ħin għalih. Biss, ta' min jinnota li fit-2 ta' Ġunju 2016 ittieħed kampjun tal-urina ġewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole li rriżulta fil-pożittiv għad-drogi kannabis u kokaina. Sabiex tigi esplorata l-intensivita' tal-abbuż tad-droga, ingħatawlu żewġ appuntamenti oħra, fl-10 ta' Ġunju 2016 u fl-14 ta' Ġunju 2016 fejn Elton kien jaf li ħa jittieħdu kampjuni tal-urina, biss Brincat ma attendiex.'* Fl-istess rapport jinghad li Richard Piscopo Psikoterapista *'sostna li meta lesta l-programm Elton Brincat avviċinah sabiex jattendi sessjonijiet privati għandu. Huwa rrimarka li Brincat attenda madwar żewġ appuntamenti. Is-Sur Piscopo rrimarka li l-għan tiegħu kien li jħeġġeġ lil Brincat sabiex jagħmel kuntatt mal-Outreach tal-*

*Caritas u jingħata l-appoġġ li għandu bżonn.'* Fost informazzjoni oħra, dan ir-rapport jipprovdi li omm l-appellant '*tgħid li qiegħda tara progress sostanzjali f'binha, minħabba li qiegħed iqum kmieni, sar aktar kalm, kif ukoll tara x-xogħol tiegħu sejjer tajjebu jiżdied. Hija tgħid li tgħinu ħafna fix-xogħol tiegħu.'*

L-Ufficjal tal-Probation irrakomondat skont dan ir-rapport datat il-hmistax (15) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) li tigi kkonfermata s-sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati, bir-rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li l-akkuzat jingħata l-opportunita' sabiex ikompli jahdem fuq l-abbuz tad-droga waqt li jkun qieghed jiskonta l-istess sentenza.

L-appellant kien fis-seduta tal-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) prezenta kopja tal-VAT Returns biex juri li minkejja l-problemi tieghu, huwa xorta qieghed jaghmel l-almu tieghu kollu biex jahdem. Jirrizulta skont l-ittra datata s-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) l-appellant '*will be given the opportunity to enter Caritas Shelter in preparation for San Blas Residential Programme.*' Flimkien ma' rikors datat is-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) giet ipprezentat ittra datat t-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) mibghuta minn Leon-David Maddeen Caritas Community Services' fejn gie ddikjarat li l-appellant sejjer jinghata l-opportunita li jidhol f'shelter u cioe' '*Caritas Shelter in preparation for San Blas Residential Progamme.*' u fost affarijiet ohra '*Mr Brincat has a plan with FSWS to enter Dar L Impenn on the 18/7/2018 and will be taken to Shelter straight from there if the aforementioned bail conditions are altered.*' Il-Qorti sal-lum il-gurnata ma kelliex informazzjoni dwar jekk l-appellant temmx b'success il-programm residenzjali o meno.

Dwar il-fedina penali tal-appellant, l-Ewwel Qorti qieset li '*Il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fedina penali tal- imputat, kemm dik prezentata fil-bidu nett ta' dawn il-proceduri, kif ukoll dik aggornata, u jidher bic-car li kien wara dan il-kaz, li l-imputat kien ghodos sewwa l-isfel fil-hajja tal- abbuz mid-droga. Din il-Qorti, fl-ikkalibrar tal-piena sejra tiehu kont principalment tal- fedina penali fiz-zmien li sehhew ir-reati ammessi meta kienet ferm ahjar minn dik li hija illum, u sejra wkoll tqis il-piena bil-kriterji prevalenti f'dawk iz-zminijiet li*

*gew kommessi r- reati.'* Din il-Qorti hija tal-fehma li minkejja li l-appellant kien ta' eta' pjuttost zghira meta sehhew ir-reati, mill-fedina penali tieghu jirrizulta li kien hemm ammont sostanzjali ta' kundanni in segwitu ta' dawn ir-reati.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti taqbel mal-appellant li kien hemm dewmien kbir fil-process kriminali sal-ghoti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti tant li ghalkemm l-akkuzi jirrisalu ghas-sena elfejn u wiehed (2001), is-sentenza tal-Ewwel Qorti inghatat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014). Ghalkemm jirrizulta li l-appellant ma attendiex ghal numru ta' seduti, fil-maggorparti ta' dan, il-Prosekuzzjoni ma pprezentat l-ebda riferta. Jirrizulta ukoll li kien hemm anke bdil fil-Magistrat sedenti. Kif tajjeb ikkunsidrat l-Ewwel Qorti '*Illi ghalkemm dan il-kaz sehh kwazi tlettax il-sena ilu, dan id-dewmien ma jistax jigi attribwit ghal tkaxkir tas-saqajn tal-imputat. Anzi jirrizulta li dan id-dewmien kien dovut ghal ragunijiet attribwibbli ghall-prosekuzzjoni, u ghal ragunijiet imprevisti stante li nharaq il-process u kellu jerga jigi rikostruwit. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tikkonsidra li dan id- dewmien sabiex jigu konkluzi dawn il-proceduri ma jahtix ghalih l-imputat.*' Ghalhekk ma jistax jinghad li l-Ewwel Qorti fil-kalibrar tal-piena ma kkunsidratx id-dewmien twil sabiex inghatat il-kazwa. In oltre, din il-Qorti ma tistax ma tikkumentax li jirrizulta li l-appell dam il-fuq minn hames (5) snin biex jigi deciz. Din il-Qorti tippreciza li l-ewwel seduta preseduta minn din il-Qorti kienet fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019).

L-appellant jissottometti ukoll li huwa mal-ewwel offra l-assistenza lil Pulizija u kien xhud determinanti fi proceduri kontra terza persuna u ghaldaqstant jistoqqlu jibbenefika mir-riduzzjoni tal-piena ai termini tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101. L-appellant jghid li l-Qorti naqset milli tapplika l-artikolu 29 hekk kif jixhed il-fatt li ma huwiex kwotat bhala wiehed mill-artikoli li rat l-Onorabbli Qorti sabiex tikkalibra l-piena.

Skont ma jirrizulta a fol 10, fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) gie vverbalizat li '*Fuq domanda tal-Qorti lil Prosekuzzjoni, l-Qorti giet infurmatha li l-imputat qed jikkollabora bis-shih u ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta.*' Fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) skont ma jirrizulta mill-verbal li jinsab a fol 363 gie

vverbalizzat li '*Il-Qorti giet infurmata li l-imputat qieghed jikkollabora bi shih ma' l-Pulizija anke in konnessjoni ma' kaz iehor illi hemm pendenti bhal issa.*' Kif ukoll li '*L-Ufficjal Prosekutur informa lil Qorti wkoll illi l-imputat kien diga' rrilaxxja stqarrija bil-gurament u wera wkoll ix-xewqa illi jixhed fil-proceduri pendenti quddiem il-Qorti Istruttorja. L-Ufficjal Prosekutur itenni wkoll li l-imputat jista' jibbenifika mill-Art. 29 anke b'zewg gradi.*'

L-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:
'*Meta dwar persuna misjuba ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-proċess li dik il-persuna tkun għenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-mediċina, jew il-persuna misjuba ħatja kif intqal qabel tipprova għas-sodisfazzjon tal-qorti li tkun hekk għenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar priġunerija, bi grad wieħed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs.*'
Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'The Republic of Malta v. Kamil Kurucu'</u>**[21] fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, gie kkunsidrat li:

'*As already indicated, a reduction in punishment in terms of section 29 is only possible if the supplier is <u>actually</u> apprehended by the Police and not if the supplier <u>could</u> or <u>may</u> be apprehended. Therefore, irrespectively of what the Police could or should have done during their investigations, in the present case, where no supplier was apprehended, section 29 cannot be invoked by appellant. In other words, this Court is in complete agreement with the interpretation given by the first Court and consequently appellant's first grievance is dismissed.*'

Dwar dan l-artikolu, fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Ir-Repubblika ta' Malta v. Alberto Alessandro Bafumi ... omissis ...'</u>**[22] gie kkunsidrat li:

'*Huwa ovvju li hawnhekk il-liġi qed tipprospetta żewġ possibilitajiet: l-ewwel waħda meta l-prosekuzzjoni stess tiddikjara fil-proċess illi dik il-persuna li tkun qed titlob l-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tkun għenet lill-pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-mediċina, u t-tieni każ, fl-assenza ta' tali dikjarazzjoni, l-istess persuna misjuba ħatja, tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk għenet lill-pulizija. F'każ il-wieħed jew l-ieħor, l-artikolu 29 jipprovdi għat-tnaqqis tal-piena billi fir-rigward ta'*

[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Gunju, 2007 (Numru: 18/2006)
[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Jannar, 2014 (Att ta' Akkuza Numru: 22/2008)

*priġunerija din titnaqqas bi grad wieħed jew tnejn, u fir-rigward ta' piena pekunjarja b'terz jew b'nofs.*'

Il-Qorti meta giet biex taghti l-piena u tiddikjara ta' xiex kienet qieghda ssib lill-appellant hati, l-Qorti naqset milli ssemmi l-artikolu 29 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.*'

Kuntrarjament ghal dak li jissottometti l-appellant fl-appell tieghu u cioe' fejn jissottometti li '*Hu ormai pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li meta artikolu ma jigix kwotat mill-Qorti gudikanti, dan ifisser li ma jkunx gie tenut kont tieghu fid-decizjoni rigward il-piena.*', l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 bl-ebda mod ma jiprovdi li sentenza ghandha tindika l-artikoli li jikkontemplaw il-piena, izda ghandha ssemmi l-artikoli li jikkontemplaw ir-reat. L-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta ma jirrigwardax reat izda jirrigwarda sitwazzjoni li tista' twassal ghal tnaqqis fil-piena u ghalhekk ma hemmx il-htiega li dan l-artikolu jissemma fil-parti disposittiva tas-sentenza.

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Supt. Bertu Mula) Vs Benjamin Muscat'**[23]:

'*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi taghha kontra l-istess appellant odjern tat-28 ta' Gunju , 2002 , "tali riferenza zbaljata ma ggibx in-nullita' tas-sentenza appellata . L-art. 382 tal-Kap. 9 jirrikjedi li Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali jkun fiha "inter alia" l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat u mhux l-artikolu tal-ligi LI JIKKONTEMPLA L-PIENA.*'

[23] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Lulju, 2002 (Appell Numru: 107/2002)

Izda fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs. Wayne Cutajar'**[24] inghad li:

'*Dwar l-artikolu 29 tal-Kap. 101 l-appellant jghid illi jidher li ma ntweriex bizzejjed li huwa bbenefika minn dik id- disposizzjoni. Jghid li l-ewwel Qorti ma semmietx jekk il- mitigazzjoni kinitx applikata fl-intier. Minn ezami tas- sentenza jirrizulta li l-ewwel Qorti, fost il-konsiderazzjonijiet li qieset mil-lat pozittiv kien hemm li l- prosekuzzjoni ddikjarat li l-appellant (allura imputat) ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 b'zewg gradi. Meta ghaddiet biex timponi l-piena pero` ma qalitx jekk kinitx qed taghmlu bit-tnaqqis ta' zewg gradi kif propost mill-prosekuzzjoni. Ghalhekk anke dan il-fattur ghandu jittiehed in konsiderazzjoni.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. AB**'[25] gie kkunsidrat:

*Issa, filwaqt illi minn banda jrid jitqies li l-ammont ta' raza kien pjuttost konsistenti, mill-banda l-ohra hemm certament lok ghall-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 fl-intier tieghu, cioe` billi l-piena titnaqqas b'zewg gradi. Difatti l-appellant kien strumentali sabiex il-Pulizija taqbad il-persuna li pprovditilha r-raza, xehed kontra taghha u se jerga' jixhed. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-ewwel Qorti ma qalitx b'kemm-il grad naqqset il-piena u ghalhekk qieghed jigi hawn stabbilit li din trid titnaqas b'zewg gradi.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Adrian Zammit u Victor John Borg'**[26] gie kkunsidrat li:

'*Infondat ukoll huwa l-aggravju dwar l-Artikolu 29 tal-Kap. 101. L-ewwel qorti ma kenitx tenuta li toqghod tirrepeti dak kollu li qal is-Supretendent Gatt meta ddepona fit-28 ta' Frar 2006 (fol. 176 et seq.). Din il-Qorti, pero`, hi sodisfatta li l-ewwel qorti applikat l-Artikolu 29 ghax dan jissemma specifikatament u apparti mid-disposizzjonijiet l- ohra tal-ligi applikabbli, fid-dispozittiv tas-sentenza. Anqas ma kien neccessarju ghall-ewwel qorti li tispjega jekk kenitx ser tapplika riduzzjoni ta' grad jew tnejn – meta wiehed iqis li l-piena massima applikabbli f'dan il-kaz kienet ta' ghaxar snin prigunerija, il-piena erogata ta' hdax-il xahar prigunerija kienet pjenament fil-parametri tal- ligi anke jekk wiehed jikkunsidra tnaqqis ta' zewg gradi.*'

[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Lulju, 2008 (Appell Kriminali Numru: 262/2007)
[25] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar, 2010 (Appell Numru 32/2009)
[26] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Gunju, 2008 (Appell Kriminali Numru: 399/2007)

L-Ewwel Qorti ikkunsidrat fis-sentenza appellata li:

'*Illi ghal fini tal-ikkalibrar tal-piena, din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti : -*

*Illi dan il-kaz imur lura ghal Mejju tal-2001 fejn l-imputat kien gie arrestat wara operazzjoni li l-Iskwadra kontra d-Droga tal-Pulizija kienet ghamlet raid f'residenza fiz-Zurrieq. L-imputat kien irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija li sussegwentement kien ikkonfermaha bil-gurament tieghu quddiem il-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna. Rat li skont kif mistqarr mill-Ufficjal Prosekutur matul is-seduta tas-27 ta' Jannar 2014, l-imputat kien mhux biss ikkopera mal-Pulizija izda wkoll kien xhud determinanti fi proceduri separati kontra terza persuna. L-Ufficjal Prosekutur tenna li l-ghajnuna moghtija mill-imputat lill-Pulizija kienet tikkwalifikah li jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fil-massimu tieghu, jigifieri b'zewg gradi.*' (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti).

Din il-Qorti temfasizza li ma huwiex bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tindika li l-akkuzat ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, izda jridu jitressqu provi li l-akkuzat ikun ghen lil Pulizija biex taqbad lil persuna jew persuni li pprovdewlha l-medicina jew il-persuna misjuba hatja tipprova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li tkun hekk ghenet lil Pulizija. Ghalhekk ma huwiex bizzejjed li l-akkuzat jghin lil Prosekuzzjoni f'kazijiet ohra, izda jrid jigi ippruvat li l-akkuzat ikun ghen li tinqabad il-persuna jew persuni li jkunu ssuplixxew il-medicina. F'dan il-kaz minkejja l-verbali maghmulha, ma jirrizultax ippruvat li l-akkuzat ghen lil pulizija biex tinqabad il-persuna li provda d-droga. Huwa minnu li dan huwa kaz partikolari fejn jirrizulta li l-appellant ha l-pakkett minn taht il-vettura li kien qieghed isuq u tellaha f'residenza partikolari izda ma jiffisrx li l-akkuzat provda l-isem ta' min kien issuplixxa d-droga. Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal partijiet mill-istqarrija ta' Elton Brincat rilaxxata fit-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001) li tindika li l-appellant fi stadju bikri ma kienx qieghed jammetti li kien jaf x'kien fih il-pakkett. Fost affarijiet ohra huwa qal li '*Gbart ic- cavetta, u il- mara tieghu qaltli li l-borza is-sewda, li kienet taht l-karozza kelli intallahielu. Nghid li jien bil- borza s sewda kont naf bieha pero' nghid li ma kontx naf fejn qieghda qabel ma wasalt id- dar tieghu u qaltli il-mara tieghu fejn kienet  ezatt. Jien bdejt nitawal ghal taht il- karozza u minn wara ma rajt xejn. Nghid li mbaghad mort in - naha ta' gewwa cioe' tal-passigier, u hemm taht stajt nilmah borza mkeba tal-plastic ta kulur iswed. Nghid li kif hassejta b' idejha din il-borza*

*kienet ibsa, u mid- daqs kienet qisa' xi videos. Jien gbidtha u bqajt tilla fuq id- dar ta' Jesmond. Nghid li jien sibt il-bieb mbexxaq. Jien qbadt u dhalt, u fil- kamara tas-sallot kien hemm Jesmond, u Bert. Kif dhalt jien tajtu ic- cavetta tal- karozza tieghu, kif ukoll il- pakett li kont tallajt. Jesmond il-pakett ghal bidu tefu fuq il-mejda, izda wara ftit fethu. Nghid li gol pakett kien hemm xi haga kbira ta kulur kannella. Nghid li jien indunajt li kienet resin tal-kannabis, pero' nghid ukoll li f' daqshekk kwantita ta resin jien qatt ma kont ghadni rajt f' hajti...'* Meta mistoqsi '*Inti giek suspett li din il-borza li kont sejjer twassal ghal Jesmond kien fiha id- droga?*' wiegeb '*Nghid li iva, hekk is-suspettajt li droga' ma kontx naf x'fiha, ghax hekk hassejtni dak il-hin.*' Mistoqsi wkoll '*Inti kont taf x' kien fiha il- borza li kien hemm taht il- karozza?*' wiegeb '*Nghid li le, nghid li Jesmond tradini, ghax jien wara li dhalt fil- flat ta Jesmond taz-Zurrieq sirt naf li kienet Resin tal- Kannabis li kont qieghed ngorr.*' Din l-istqarrija giet ikkonfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti. A fol 59 l-Ispettur Josric Mifsud kien informa lil Magistrat Dr Apap Bologna li:

*'B'referenza ghar-rapport precedenti dwar stqarrijiet rilaxati minn Elton Brincat u Robert Grixti nhar id- 9 ta' Mejju, 2001, dwar sejba ta' Droga gewwa fond fiz- Zurrieq.*

*Wara aktar investigazzjonijiet, l' imsemmi Joseph Camilleri, gie mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati, fuq pussess u traffikar tad-Drogi Kokajina, Rassa tal-Kannabis, u Ectasy;'*

A fol 48 l-Ispettur Josric Mifsud kien informa lill Magistrat inkwierenti li '*Illi nhar il-10 ta' Mejju, 2001, Brincat stqarr li kien hu li tella gar id- droga Kannabis, ad insaputa tieghu stess ghal gol din ir-residenza. Stqarr li kien lest li jaghmel stqarrija fejn kien sejjer jikxef il-persuna minn ghand min kien qieghed jixtri id-droga. L'imsemmi Brincat ir-relaxxa stqarriija fejn iddikjara, li kien lesti li jikkonfermaw l-istqarrija tieghu quddiem il-Magistrat inkwerent, kif hemm mahsub fl-Art. 30, tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta*'. L-istqarrija esebita hija dik datata t-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001) ikkonfermata ukoll bil-gurament izda minnha ma jirrizultax jekk l-appellant infurmax lil Pulizija dwar il-persuna li ssuplixxa din id-droga. Fl-atti ma gietxipprezenta stqarrija ohra tal-appellaant. Sabiex persuna tibbenifika mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha tkun provdiet informazzjoni li tkun ghenet lil Pulizija biex taqbad lil persuna jew persuni li jkunu provdewlha l-medicina jew li tiprova li tkun hekk ghenet lil Pulizija. Il-prosekuzzjoni f'zewg istanzi iddikjaraw li l-appellant ghandu jibbenefika mill-artikolu 29, tant li fis-seduta

tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) il-Prosekuzzjoni iddikjarat ukoll li l-appellant jista' jibbenefika mill-artikolu 29 anke b'zewg gradi. Minkejja li ma tnizzilx in-numru tal-Kapitolu, din il-Qorti ma ghandhiex dubju li l-Prosekuzzjoni kienet qieghda tirreferi ghal Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tenut kont l-akkuzi. Il-Qorti skont il-verbal tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) '*giet infurmata li l-imputat qieghed jikkollabora bi shih ma' l-Pulizija anke in konnessjoni ma' kaz iehor illi hemm pendenti bhal issa. L-Ufficjal Prosekutur informa lil Qorti wkoll illi l-imputat kien diga' rrilaxxja stqarrija bil-gurament u wera wkoll ix-xewqa illi jixhed fil-proceduri pendenti quddiem il-Qorti Istruttorja.*' Din il-Qorti izda b'ezami tal-atti ma jirrizultax li tressqu provi in sostenn ta' dak li jrid jigi ippruvat taht l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li l-akkuzat ghen biex tinqabad il-persuna li tkun provdiet il-medicina u ghalhekk ma thoss li ghandu jkun hemm tnaqqis fil-piena abbazi ta' dan l-artikolu.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant jissottometti ukoll li l-multa inflitta hija eccessiva, li filwaqt li gie kkundannat ghal piena karcerarja ta' tmien (8) xhur u ghar-ragunijiet suesposti, anke dan il-perjodu huwa gravuz wisq. Jissottometti li l-quantum tal-multa jidher ferm sproporzjonat ghaliex filwaqt li l-piena karcerarja inflitta fuq l-appellant hija vicin il-minimu statutorju, il-multa hija qrib in-nofs tal-massimu li jista' jigi impost.

L-appellant jaghmel sottomissjonijiet dwar is-sistema ta' klassifikazzjoni ta' drogi illeciti bhar-Renju Unit, izda din il-Qorti ma thoss li ghandha tidhol f'sistemi uzati f'gurisdizzjonijiet barranin. Din il-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm il-Qrati ghandhom diskrezzjoniji jiddeciedu x'multa ghandha tigi inflitta li ma ghandhiex necessarjament tkun vicin il-minimu bhal perjodu ta' prigunerija applikat u dan billi jittiehed kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, izda hija tal-fehma li d-dewmien fil-proceduri ghandu jwassal ghal tnaqqis fil-piena. Filwaqt li din il-Qorti taghmilha cara li l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha hadet in konsiderazzjoni id-dewmien tal-kawza, din il-Qorti temfasizza li jirrizulta li l-appell ha l-fuq minn hames (5) snin biex jigi deciz. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tnaqqas il-multa inflitta u cioe' dik ta' hamest'elef ewro (€5000) u sejra minflokk timponi l-piena ta' elf ewro (€1000).

Ikkunsidrat;

Ghalkemm l-appellant ma ressaqx dan l-ilment quddiem il-Qorti, tenut kont tal-fatt li l-appell jirrigwarda l-piena, din il-Qorti thoss li ghandha *ex officio* tqajjem is-segwenti fatt. Jirrizulta li minkejja li l-appellant ma kienx akkuzat bl-akkuza tar-recidiva, l-Ewwel Qorti semmiet l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-parti dispositiva tas-sentenza, li ghalhekk setgha fisser li kienet qieghda ssibu hati li huwa recidiv meta lanqas kien hemm akkuza. Din il-Qorti temfasizza li minkejja l-fedina penali tal-appellant, gialadarba l-appellant ma kienx akkuzat li huwa recediv, l-Ewwel Qorti ma setghetx issibu hati li huwa recediv.

Rigwardanti l-piena ta' prigunerija, din il-Qorti tikkunsidra li anke li kieku l-Qorti kellha tmur fuq il-minimu u cioe' dik ta' sitt (6) xhur prigunerija, jirrizulta li l-appellant instab hati taht l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' ta' meta jkun hemm konkors ta' reati ghalhekk ai termini tal-artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ghandha tikkundanna lil akkuzat ghal piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehidn flimkien. Li jfisser li jekk il-Qorti kellha tmur fuq il-minimu ghal reat wiehed u cioe' dik ta' sitt (6) xhur prigunerija, u tmur ghal minimu cioe' terz tal-minimu ghaz-zewg reati l-ohra u ghalhekk izzid xahrejn (2) ghal kull reat, il-perjodu ta' prigunerija ikun dak ta' ghaxar (10) xhur. In oltre din il-piena kellha umbghad tizdied bi grad stante li instab hati tal-akkuza li kkometta r-reati f'post f'distanza ta' mitt (100) metru minn fejn jiltaqghu z-zaghzagh.

Ghalhekk certament li ma jistax isir tnaqqis fil-piena ta' prigunerija inflitta, tant li l-Ewwel Qorti laqghet l-indikazzjoni dwar il-piena karcerarja maghmulha mill-partijiet fit-trattazzjoni taghhom matul is-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) u cioe' fejn kien gie vverbalizzat li '*l-piena idoneja f'dan il-kaz ghandha tkun dik ta' prigunerija li ma tkunx aktar minn 8 xhur effettivi.*' u kien ghalhekk li ordnat prigunerija ta' tmien (8) xhur. Kif gia kkunsidrat, il-multa imposta sejra titnaqqas minhabba dewmien twil sabiex tinqata din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell, billi filwaqt li tikkonferma li l-appellant huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkonferma l-piena ta' tmien (8) xhur prigunerija effettiva, tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti ordnat multa ta' hamest'elef ewro (€5000) u sejra minflokk tordna l-appellant ihallas multa ta' elf ewro (€1000).

Din il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs biex jaghti lill-appellant kull facilita' possibbli taht il-ligi u r-Regolamenti tal-Habs biex l-appellant ikun jista' jircievi kull kura u terapija li ghandu bzonn.

Il-Qorti qieghda tikkonferma l-ordni ghad-distruzzjoni tad-droga ezibita f'dawn l-atti u ta' dak kollu relatat maghha u ghal dan il-ghan qeghda tikkonferma l-hatra ta' l-Ispizjar Godwin Mifsud sakemm l-Ufficjal Prosekutur ma jiddikjarax, permezz ta' nota li ghandha tigi maghmula mhux aktar tard minn hmistax il-jum millum li l-istess droga hija mehtiega ghal proceduri ohrajn pendenti jew li ser jinfethu kontra terzi persuni.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur